SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

16 ta’ Lulju 2015*

“Rikors għal annullament — Regolament (UE) Nru 1289/2013 — Artikolu 1(1) u (4) — Regolament (KE) Nru 539/2001 — Artikolu 1(4)(f) — Artikolu 290 TFUE — Sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa ta’ viża — Inklużjoni ta’ nota ta’ qiegħ il-paġna — Emenda tal-att leġiżlattiv”

Fil-Kawża C-88/14,

li għandna bħala suġġett rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE, ippreżentat fil-21 ta’ Frar 2014,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn B. Smulders, B. Martenczuk u G. Wils, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

**Il-Parlament Ewropew**, irrappreżentat minn L. Visaggio u A. Troupiotis kif ukoll minn A. Pospíšilová Padowska, bħala aġenti,

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**, irrappreżentat minn K. Pleśniak u K. Michoel, bħala aġenti,

konvenuti,

sostnuti minn:

**Ir-Repubblika Ċeka**, irrappreżentata minn M. Smolek, D. Hadroušek u J. Škeřík, bħala aġenti,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts (Relatur), Viċi President, A. Tizzano, R. Silva de Lapuerta, T. von Danwitz u J.-C. Bonichot, Presidenti ta’ Awla, A. Rosas, A. Arabadjiev, C. Toader, M. Safjan, D. Šváby, M. Berger, E. Jarašiūnas, C. G. Fernlund u J. L. da Cruz Vilaça, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta’ Marzu 2015,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2015,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tal-Artikolu 1(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 1289/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa (ĠU L 347, p. 74), sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-Kummissjoni setgħa ddelegata fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE u mhux setgħa ta' implementazzjoni fis-sens tal-Artikolu 291(2) TFUE.

## Il-kuntest ġuridiku

*Ir-Regolament (KE) Nru 539/2001*

2 Il-premessa 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001, tal-15 ta' Marzu 2001, li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħjom [tagħhom] għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 65), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 182, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 539/2001"), hija fformulata kif ġej:

"Id-determinazzjoni ta' dawk il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma suġġetti għall-ħtieġa tal-viża, u dawk eżentati minnha, hija rregolata minn kriterja meqjusa, bl-assessjar tal-każ b'każ tal-varjetà tal-kriterja li tirrigwardja, *inter alia*, l-immigrazzjoni illegali, l-istrateġija u s-sigurtà publika, u tar-relazzjonijiet esterni ta' l-Unjoni Ewropea ma pajjiżi terzi, konsiderazzjoni għandha wkoll tkun mogħtija għall-implikazzjonijiet ta' l-għaqda u r-reċipriċità. Id-dispożizzjoni għandha għalhekk għall-mekkaniżmu tal-Komunità li jiffaċilita dan il-prinċipju ta' reċiproċità li għandu jkun implementat jekk wieħed mill-pajjiżi terzi inklużi fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jiddieċedi li jagħmel liċ-ċittadini ta' wieħed jew aktar Stati Membri li jkunu suġġetti għall-obbligu tal-viża."

3 L-Artikolu 1(1) u (2) tar-Regolament Nru 539/2001 jipprovdi:

"1. Iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi elenkati fil-lista ta' l-Anness I għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom il-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri.

[...]

2. Ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq il-lista fl-Anness II għandhom ikunu eżentati mill-ħtieġa dikjarata fil-paragrafu1 għal soġġorni ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum.

[...]"

4 Fl-Artikolu 1(4) tiegħu, l-istess regolament kien jipprovdi mekkaniżmu ta' implementazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċita li jista' jidħol fis-seħħ b'risposta għall-istabbiliment, minn pajjiż terz li jkun jinsab fil-lista tal-Anness II tiegħu, ħtieġa ta' viża fir-rigward taċ-ċittadini ta' Stat Membru.

*Ir-Regolament Nru 1289/2013*

L-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament Nru 1289/2013 jemenda l-Artikolu 1(4) tar-Regolament Nru 539/2001 bil-mod kif ġej:

"Fejn pajjiż terz elenkat fl-Anness II japplika ħtieġa tal-viża għal ċittadini ta' għall-anqas Stat Membru wieħed, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) fi żmien 30 jum mill-implimentazzjoni mill-pajjiż terz tal-ħtieġa tal-viża jew, f'każijiet fejn jinżamm il-ħtieġa tal-viża eżistenti fi 9 ta' Jannar 2014, fi żmien 30 jum minn dik id-data, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika b'dan lill-Parlamet Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-miktub.

[...]

L-informazzjoni dwar dik in-notifika għandha tiġi ppubblikata mingħajr dewmien mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, inkluża l-informazzjoni dwar id-data tal-implimentazzjoni tal-ħtieġa tal-viża u t-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u viżi kkonċernati.

[...]

(e) jekk il-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx neħħa l-ħtieġa tal-viża, il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu tal-punt (a) u sussegwentement f'intervalli li ma jaqbżux sitt xhur f'perijodu totali li ma jistax jestendi lil hinn mid-data li fiha l-att iddelegat imsemmi fil-punt (f) jidħol fis- seħħ jew jiġi oġġezzjonat:

(i) tadotta, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat jew fuq inizjattiva tagħha stess, att ta' implimentazzjoni li jissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għal ċerti kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur. [...]

[...]

(f) Jekk fi żmien 24 xahar mid-data tal-pubblikazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu tal-punt (a), il-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx neħħa l-ħtieġa tal-viża, il-Kummissjoni għandha tadotta att iddelegat skont l-Artikolu 4b li jissospendi l-applikazzjoni tal-Anness II għal perijodu ta' 12-il xahar għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz. L-att iddelegat għandu jiddetermina data, fi żmien 90 jum mid-dħul fis-seħħ tiegħu, li fiha s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Anness II għandha ssir b'kont meħud tar-riżorsi disponibbli fil-konsulati tal-Istati Membri u għandu jemenda l-Anness II kif meħtieġ. Dik l-emenda għandha ssir billi ħdejn l-isem tal-pajjiż terz ikkonċernat tiddaħħal nota f'qiegħ il-paġna li tindika li l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża hija sospiża rigward dak il-pajjiż terz u li tispeċifika l-perijodu ta' dik is-sospensjoni.

Mid-data meta s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Anness II għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat tidħol fis-seħħ jew meta oġġezzjoni għall-att iddelegat tiġi espressa skont l-Artikolu 4b(5), kwalunkwe att ta' implimentazzjoni adottat skont il-punt (e) fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz għandu jiskadi.

Fejn il-Kummissjoni tkun ippreżentat proposta leġislattiva kif imsemmi fil-punt (h), il-perijodu ta' sospensjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt għandu jiġi estiż b'sitt xhur. In-nota ta' qiegħ il-paġna li hemm referenza għaliha f'dak is-subparagrafu għandha tiġi emendata kif xieraq.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4, matul il-perijodi ta' dik is-sospensjoni ċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat mill-att iddelegat għandhom ikunu meħtieġa li jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri;

[...]

(h) jekk fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tal-att iddelegat imsemmi fil-punt (f), il-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx neħħa l-ħtieġa tal-viża, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġislattiva biex temenda dan ir-Regolament sabiex ir-referenza għall-pajjiż terz tiġi trasferita mill-Anness II għall-Anness I;

(i) il-proċeduri msemmijin fil-punti (e), (f) u (h) m'għandhomx jaffettwaw id-dritt tal-Kummissjoni li tippreżenta fi kwalunkwe ħin proposta leġislattiva li temenda dan ir-Regolament sabiex tiġi trasferita r-referenza għall-pajjiż terz mill-Anness II għall-Anness I;

(j) fejn il-pajjiż terz ikkonċernat ineħħi l-ħtieġa tal-viża, l-Istat Membru kkonċernat għandu minnufih jinnotifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan. In-notifika għandha tiġi ppubblikata mingħajr dewmien mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Kwalunkwe att ta' implimentazzjoni jew iddelegat adottat skont il-punt (e) jew (f) dwar il-pajjiż terz ikkonċernat għandu jiskadi sebat ijiem wara l-pubblikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt. [...] In-nota ta' qiegħ il-paġna msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-punt (f) għandha titħassar meta jiskadi l-att iddelegat ikkonċernat. L-informazzjoni dwar dik l-iskadenza għandha tiġi ppubblikata mingħajr dewmien mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[...]"

6 L-Artikolu 1(4) tar-Regolament Nru 1289/2013 jintroduċi, fir-Regolament Nru 539/2001, l-Artikolu 4b, li jippreċiża l-kundizzjonijiet li hija suġġetta għalihom is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta dawn l-atti ddelegati kkonferita lilha permezz tal-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat bir-Regolament Nru 1289/2013 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 539/2001, kif emendat"). L-Artikolu 4b(2), (3) u (5) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, jipprovdi:

"2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija [fl-Artikolu 1(4)(f)] għandha tkun konferita fuq il-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn 9 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perijodi ta' tul ta' żmien identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija [fl-Artikolu 1(4)(f)] tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. [...]

[...]

5. Att iddelegat adottat skont [l-Artikolu 1(4)(f)] għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' erba' xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

**It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

7 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1289/2013 kif ukoll l-Artikolu 1(4) ta' dan l-istess regolament sa fejn dan jintroduċi Artikolu 4b fir-Regolament Nru 539/2001;

— tiddikjara li l-effetti tad-dispożizzjonijiet annullati u kull miżura ta' implementazzjoni li tirriżulta minnhom huma definittivi sakemm jiġu ssostitwiti, fi żmien raġonevoli, minn atti adottati skont it-Trattat FUE, kif interpretat mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja; u

— tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż tal-istanza.

8 Sussidjarjament, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-imsemmija dispożizzjonijiet huma inseparabbli mill-kumplament tar-Regolament Nru 1289/2013, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla dan ir-regolament fl-intier tiegħu.

9 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikors u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż. Fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla parzjalment jew totalment ir-Regolament Nru 1289/2013, il-Kunsill jitlob, sussidjarjament, li l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm l-effetti tad-dispożizzjonijiet annullati kif ukoll l-effetti tal-atti kollha adottati abbażi tagħhom, u dan sad-dħul fis-seħħ, fi żmien raġonevoli, ta' att ġdid intiż li jissostitwixxihom.

10 Ir-Repubblika Ċeka ġiet aċċettata sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-konvenuti.

**Fuq ir-rikors**

11 Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tiżviluppa motiv wieħed, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 290 TFUE u 291 TFUE. Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, b'mod żbaljat jagħtiha setgħa ddelegata. Għalkemm it-talbiet tar-rikors huma wkoll intiżi għall-annullament tal-Artikolu 4b ta' dan ir-regolament, din it-talba tirriżulta, skont il-Kummissjoni, mir-rabta indissoċjabbli li teżisti bejn dan l-artikolu, li jippreċiża l-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta s-setgħa ddelegata mogħtija lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 1(4)(f) tal-imsemmi regolament, minn naħa, u din l-aħħar dispożizzjoni, min-naħa l-oħra.

*Fuq l-ammissibbiltà ta' argument imqajjem għal-ewwel darba fir-replika*

12 Il-Kunsill jeċċepixxi l-inammissibbiltà tal-argument tal-Kummissjoni, ifformulat għall-ewwel darba fir-replika tagħha, li jgħid li, jekk wieħed jippreżupponi li l-leġiżlatur tal-Unjoni jgawdi minn marġni ta' diskrezzjoni meta jkun hemm bżonn li jiġi ddeterminat jekk miżura tikkostitwixxix "emenda" tal-att leġiżlattiv ikkunsidrat, fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE, l-għoti ta' setgħa ddelegata lill-Kummissjoni fl-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, jibbaża ruħu fuq żball manifest.

13 Hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 127(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat fil-mori tal-kawża, sakemm ma jkunx ibbażati fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura. Madankollu, argument li jikkostitwixxi amplifikazzjoni ta' motiv imqajjem preċedentement, direttament jew b'mod impliċitu fir-rikors promotur għandu jitqies li huwa ammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-66/02, EU:C:2005:768, punti 85 u 86, kif ukoll Naipes Heraclio Fournier vs UASI, C-311/05 P, EU:C:2007:572, punti 58 u 59).

14 Issa, l-argument invokat mill-Kummissjoni fir-replika tagħha jaqa' taħt il-motiv imsemmi fir-rikors ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 290 TFUE u 291 TFUE u jamplifikah. Fil-fatt, dan l-argument huwa intiż li jissostanzja dan il-motiv li għandu l-għan li jikkontesta l-legalità tal-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, sa fejn din id-dispożizzjoni tagħti lill-Kummissjoni setgħa ddelegata fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE. Għaldaqstant, l-imsemmi argument ma jistax jitqies li huwa motiv ġdid.

15 B'hekk, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

*Fuq il-mertu*

L-argumenti tal-partijiet

16 Il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, jikser l-Artikoli 290 TFUE u 291 TFUE sa fejn dan jagħti, b'mod żbaljat, setgħa ddelegata.

17 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok hija ssostni li att adottat abbażi tal-Artikolu 1(4)(f) tal-imsemmi regolament ma jissupplimentax lil dan tal-aħħar. Tali att jidħol fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-istess regolament. Fil-fatt, huwa jkun applikabbli għal sitwazzjoni speċifika tar-regoli diġà msemmija fl-att leġiżlattiv ikkunsidrat. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tinsisti fuq il-fatt li din id-dispożizzjoni tagħtiha sempliċement setgħa dgħajfa ħafna, saħansitra ineżistenti.

18 Jekk l-att adottat abbażi tal-Artikolu 1(4)(e) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, jiġi rrikonoxxut bħala miżura ta' implementazzjoni ta' dan l-att leġiżlattiv, l-att imsemmi fl-Artikolu 1(4)(f) ta' dan ir-regolament għandu *a fortiori* jirċievi l-istess kwalifikazzjoni. Fil-fatt, meta l-Kummissjoni tiddeċiedi abbażi tal-Artikolu 1(4)(e) tal-imsemmi regolament tibbenefika minn ċertu marġni ta' diskrezzjoni li jidher li ma jkollhiex meta hija tadotta l-att iddelegat imsemmi fl-Artikolu 1(4)(f) tal-istess regolament.

19 Fit-tieni lok, att adottat abbażi ta' din l-aħħar dispożizzjoni ma jwassalx għal emenda tal-att leġiżlattiv fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE.

20 Il-Kummissjoni ssostni li emenda ta' att leġiżlattiv tippreżupponi li l-elementi li huma s-suġġett ta' din l-emenda diġà jkunu jinsabu f'dan l-att. Emenda fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE għandha l-effett li tibdel il-kontenut normattiv tal-att leġiżlattiv. Issa, l-adozzjoni ta' att abbażi tal-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, ma twassalx għat-tneħħija tar-referenza għall-pajjiż terz ikkonċernat fl-Anness II ta' dan ir-regolament u l-introduzzjoni tagħha fl-Anness I tal-imsemmi regolament. Din l-aħħar emenda tal-att leġiżlattiv meqjus għandha, skont l-Artikolu 1(4)(h) tal-istess regolament, titwettaq permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, ma fih ebda lista tal-pajjiżi terzi li jinsabu f'sitwazzjoni ta' sospensjoni, li l-att iddelegat tagħha previst fl-Artikolu 1(4)(f) ta' dan ir-regolament jibdel il-kontenut normattiv. Għall-kuntrarju, dawn il-pajjiżi għandhom jiġu identifikati b'applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-imsemmi regolament. L-att iddelegat li, abbażi ta' dawn il-kriterji, jissospendi, għal żmien limitat, l-applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-ħtieġa ta' viża, jimplementa sempliċement l-att leġiżlattiv ikkunsidrat mingħajr ma jissupplimentah jew jemendah.

21 Anki jekk l-introduzzjoni ta' nota ta' qiegħ il-paġna f'att leġiżlattiv tikkostitwixxi, bħala prinċipju, emenda li tista' tkun is-suġġett ta' att iddelegat, il-Kummissjoni tqis li, f'dan il-każ, l-introduzzjoni tan-nota ta' qiegħ il-paġna prevista mill-imsemmija dispożizzjoni tikkostitwixxi strument purament tekniku użat b'mod abbużiv sabiex l-att ta' implementazzjoni jingħata d-dehra ta' att iddelegat.

22 Barra minn hekk, l-introduzzjoni tan-nota ta' qiegħ il-paġna tmur ukoll kontra r-rieda li l-mekkaniżmu ta' implementazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċità jingħata natura awtomatika u toħloq numru kbir ta' diffikultajiet fil-funzjonament konkret ta' dan il-mekkaniżmu. Għalhekk, fl-ipoteżi prevista fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, ta' preżentazzjoni ta' proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni ma tippreċiżax b'liema mod l-emenda tan-nota ta' qiegħ il-paġna prevista hemmhekk kellha titwettaq u b'liema mod din in-nota kellha titħassar fl-ipoteżi fejn din il-proposta leġiżlattiva ma titwettaqx. Barra minn hekk, fl-ipoteżi msemmija fl-Artikolu 1(4)(j) ta' dan ir-regolament, ta' tneħħija tal-ħtieġa ta' viża mill-pajjiż terz ikkonċernat, l-imsemmi regolament ma jippreċiżax il-proċedura li skontha n-nota ta' qiegħ il-paġna mdaħħla abbażi tal-Artikolu 1(4)(f) tal-imsemmi regolament għandha titneħħa.

23 Fit-tielet lok, fir-replika tagħha l-Kummissjoni ssostni li jekk wieħed jippreżupponi li l-leġiżlatur tal-Unjoni jgawdi minn marġni ta' diskrezzjoni meta jkollu jiġi ddeterminat jekk miżura tikkostitwixxix "emenda" tal-att leġiżlattiv inkwistjoni, fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE, l-għoti ta' setgħa ddelegata lill-Kummissjoni fl-Artikolu 1(4)(f) tal-istess Regolament Nru 539/2001 ikun jirriżulta minn żball manifest.

24 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett hija tispjega li s-sensittività politika jew il-gravità ta' att adottat abbażi tal-imsemmija dispożizzjoni hija barranija għall-kwistjoni ta' jekk dak l-att jemendax l-att leġiżlattiv ikkunsidrat, fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE.

25 It-tieni nett, fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, jagħti lill-Kummissjoni setgħa diskrezzjonali ristretta biss, jew saħansitra ineżistenti, tqum il-kwistjoni ta' x'jista' jkun l-għan tad-dritt ta' oġġezzjoni li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu skont l-Artikolu 290 TFUE. L-imsemmi dritt ta' oġġezzjoni f'dan il-każ ikun simili għal dritt ta' veto għal miżura ta' implementazzjoni, u ma jkunx konformi mal-għan tal-Artikolu 290 TFUE.

26 It-tielet nett, il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 4b(2) u (3) tal-imsemmi regolament, it-tul tad-delega ta' setgħa inkwistjoni hija limitata *ratione temporis* u din id-delega tista' tiġi rrevokata. Madankollu, peress li l-adozzjoni tal-att iddelegat previst fl-Artikolu 1(4)(f) tal-istess regolament tikkostitwixxi parti integrali mill-mekkaniżmu globali tal-implementazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċità, stabbilit bl-Artikolu 1(4) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, il-Kummissjoni ssostni li l-imsemmi mekkaniżmu ma jistax jibqa' jiffunzjona wara l-iskadenza taż-żmien tad-delega inkwistjoni jew wara r-revoka tagħha.

27 Il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mir-Repubblika Ċeka, isostnu li l-Artikolu 1(4)(f) tal-imsemmi Regolament Nru 539/2001 jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li temenda l-istess regolament fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE, Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma wettaqx żball manifest u lanqas ma aġixxa b'mod irraġonevoli meta ta setgħa ddelegata lill-Kummissjoni. Għall-kuntrarju, huwa baqa' fil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

28 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa diskrezzjonali meta jiddeċiedi li jagħti lill-Kummissjoni setgħa ddelegata skont l-Artikolu 290(1) TFUE jew setgħa ta' implementazzjoni skont l-Artikolu 291(2) TFUE (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-427/12, EU:C:2014:170, punt 40). Madankollu, din is-setgħa diskrezzjonali għandha tiġi eżerċitata bl-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 290 TFUE u 291 TFUE.

29 Fir-rigward tal-għoti ta' setgħa ddelegata, mill-Artikolu 290(1) TFUE jirriżulta li att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' portata ġenerali li jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv. Skont it-tieni subparagrafu ta' din id-dispożizzjoni, l-għanijiet, il-kontenut, il-portata kif ukoll it-tul tad-delega ta'

setgħa għandhom jiġu ddefiniti b'mod espress fl-att leġiżlattiv li jagħti tali delega. Din ir-rekwiżit jimplika li l-għoti ta' setgħa ddelegata huwa intiż għall-adozzjoni ta' regoli li jagħmlu parti mill-qafas regolatorju kif iddefinit mill-att leġiżlattiv bażiku (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-427/12, EU:C:2014:170, punt 38).

30 Fir-rigward tal-għoti ta' setgħa ta' implementazzjoni, l-Artikolu 291(2) TFUE jistipula li atti tal-Unjoni li huma ġuridikament vinkolanti għandhom jagħtu tali setgħa lill-Kummissjoni jew, f'każijiet speċifiċi ġġustifikati b'mod xieraq u fil-każijiet previsti fl-Artikoli 24 TUE u 26 TUE, lill-Kunsill, meta jkunu neċessarji kundizzjonijiet uniformi ta' implementazzjoni ta' dawn l-atti. Fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' implementazzjoni mogħtija lilha, l-istituzzjoni kkonċernata għandha tispeċifika l-kontenut ta' att leġiżlattiv, sabiex tiżgura l-implementazzjoni tiegħu f'kundizzjonijiet uniformi fl-Istati Membri kollha (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-427/12, EU:C:2014:170, punt 39).

31 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk jirriżulta li l-Kummissjoni, meta teżerċita setgħa ta' implementazzjoni, la tista' temenda u lanqas tissupplimenta l-att leġiżlattiv, anki fir-rigward tal-elementi mhux essenzjali tiegħu (sentenza Il-Parlament vs Il-Kummissjoni, C-65/13, EU:C:2014:2289, punt 45).

32 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, la l-eżistenza u lanqas il-portata tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilha mill-att leġiżlattiv ma huma rilevanti għall-finijiet li jiġi ddeterminat jekk l-att li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni jaqax taħt l-Artikolu 290 TFUE jew taħt l-Artikolu 291 TFUE. Fil-fatt, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 290(1) TFUE jirriżulta li l-legalità tal-għażla mwettqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti setgħa ddelegata lill-Kummissjoni tiddependi biss fuq il-kwistjonijiet ta' jekk l-atti li din l-istituzzjoni tintalab tadotta abbażi ta' dan l-għoti humiex ta' portata ġenerali u jekk huma jissupplimentawx jew jemendawx elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv.

33 F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma tikkontestax li l-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, jagħtiha s-setgħa li tadotta atti ta' portata ġenerali li jirrigwardaw biss elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv. Barra minn hekk, il-konvenuti ma jikkontestawx il-fondatezza tal-argument tal-Kummissjoni li jgħid li dawn l-atti ma humiex ta' natura li jissupplimentaw l-att leġiżlattiv inkwistjoni, fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jiġi eżaminat jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni baqax fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, imfakkra fil-punt 28 ta' din is-sentenza, meta fl-Artikolu 1(4)(f) tal-imsemmi regolament ta lill-Kummissjoni s-setgħa li "temenda", fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE, il-kontenut normattiv tal-istess regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-427/12, EU:C:2014:170, punti 40 u 52).

35 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-premessa 5 tar-Regolament Nru 539/2001, dan tal-aħħar huwa intiż li jistabbilixxi mekkaniżmu li jippermetti l-implementazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċità fil-każ fejn wieħed mill-pajjiżi terzi li jinsabu fl-Anness II ta' dan ir-regolament jiddeċiedi li jissuġġetta għall-ħtieġa ta' viża liċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew iktar. Dan il-mekkaniżmu essenzjalment jinkludi tliet stadji.

36 L-Artikolu 1(4)(e) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, jipprovdi, bħala l-ewwel risposta tal-Unjoni għall-azzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat, l-adozzjoni ta' att ta' implementazzjoni mill-Kummissjoni li jissospendi, għal tul ta' sitt xhur li jistgħu jiġġeddu b'perijodi ġodda ta' sitt xhur, l-eżenzjoni tal-viża fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat.

37 L-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, jirrigwarda t-tieni stadju tal-mekkaniżmu ta' implementazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċità. Meta, minkejja s-sospensjoni selettiva tal-eżenzjoni ta' viża li tirriżulta mill-att ta' implementazzjoni adottat abbażi

tal-Artikolu 1(4)(e) ta' dan ir-regolament, il-pajjiż terz ikkonċernat iżomm ir-rekwiżit tiegħu ta' viża għaċ-ċittadini ta' mill-inqas Stat Membru wieħed, l-Artikolu 1(4)(f) tal-imsemmi regolament jipprevedi l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' att iddelegat li jissospendi, fir-rigward taċ-ċittadini kollha ta' dan il-pajjiż terz, għal perijodu ta' tnax-il xahar, l-eżenzjoni tal-ħtieġa ta' viża li tkun tirriżulta mit-tniżżil tiegħu fl-Anness II tal-istess regolament u jintroduċi f'dan l-Anness "nota f'qiegħ il-paġna li tindika li l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża hija sospiża rigward [l-imsemmi] pajjiż terz u li tispeċifika l-perijodu ta' dik is-sospensjoni".

38 It-tielet stadju tal-mekkaniżmu ta' implementazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċità jikkonċerna l-istabbiliment mill-ġdid permanenti tal-ħtieġa ta' viża, u għaldaqstant it-trasferiment tar-referenza għall-pajjiż terz ikkonċernat mill-Anness II tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, għall-Anness I tiegħu, li jimplika l-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Huwa għalhekk li l-Artikolu 1(4)(h) ta' dan ir-regolament jipprovdi li, jekk fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tal-att iddelegat il-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx neħħa l-ħtieġa tal-viża, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-regolament sabiex tali trasferiment iseħħ. Jekk tali inizjattiva tittieħed mill-Kummissjoni, il-perijodu ta' sospensjoni li jirriżulta minn att adottat abbażi tal-Artikolu 1(4)(f) tal-istess regolament jiġi estiż b'sitt xhur.

39 Il-mekkaniżmu ta' implementazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċità għaldaqstant huwa kkaratterizzat minn miżuri ta' gravità u ta' sensittività politika li dejjem qegħdin jikbru, li għalihom jikkorrispondu strumenti ta' natura differenti.

40 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, il-fatt li l-att adottat fil-kuntest tal-ewwel stadju tal-mekkaniżmu ta' implementazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċità jiġi kkwalifikat bħala miżura ta' implementazzjoni ma jistax, bħala tali, ikollu l-konsegwenza li l-att adottat fil-kuntest tat-tieni stadju tiegħu wkoll jiġi kkwalifikat bħala att ta' implementazzjoni.

41 Fit-rigward tal-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, jagħtix is-setgħa lill-Kummissjoni li temenda, fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE, dan ir-regolament, għandu jitfakkar li, skont l-hjArtikolu 1(1) tar-Regolament Nru 539/2001, iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi elenkati fil-lista tal-Anness I għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom il-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri. Skont l-Artikolu 1(2) tal-imsemmi regolament, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu fil-lista tal-Anness II tal-istess regolament għandhom ikunu eżentati minn tali ħtieġa għas-soġġorni ta' mhux iktar minn 90 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 180 jum.

42 Issa, att adottat abbażi tal-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, għandu l-effett li jintroduċi mill-ġdid, għal perijodu ta' tnax-il xahar jew ta' tmintax-il xahar, ħtieġa ta' viża fir-rigward taċ-ċittadini kollha ta' pajjiż terz li jkun jinsab fil-lista tal-Anness II ta' dan ir-regolament, għas-soġġorni li, skont l-Artikolu 1(2) tal-imsemmi regolament, huma eżentati minn tali ħtieġa. Għal dawn iċ-ċittadini kollha, l-att adottat abbażi tal-Artikolu 1(4)(f) tal-istess regolament għaldaqstant għandu l-effett li jemenda, anki jekk temporanjament, il-kontenut normattiv tal-att leġiżlattiv meqjus. Fil-fatt, b'eċċezzjoni għan-natura temporanja tagħhom, l-effetti tal-att adottat abbażi ta' din id-dispożizzjoni huma identiċi, fuq il-punti kollha, għal dawk li jirriżultaw mit-trasferiment formali tat-tismija tal-pajjiż terz inkwistjoni mill-Anness II tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, għall-Anness I tiegħu.

43 L-introduzzjoni, fl-Anness II tal-imsemmi regolament, ta' nota' ta' qiegħ il-paġna ħdejn isem il-pajjiż terz ikkonċernat, prevista mill-imsemmija dispożizzjoni, tikkonferma, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 64 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jdaħħal l-att adottat abbażi ta' din id-dispożizzjoni fit-test stess tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat.

44 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-leġiżlatur tal-Unjoni ta lill-Kummissjoni s-setgħa li temenda l-kontenut normattiv tal-imsemmi att leġiżlattiv fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE.

45 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tal-Kummissjoni dwar id-diffikultajiet eventwali li jirriżultaw mill-ħtieġa ta' aġġustament ulterjuri tan-nota ta' qiegħ il-paġna mdaħħla fl-Anness II tar-Regolament Nru 539/2001 jew li jirriżultaw mill-karatteristiċi proprji ta' delega ta' setgħa, bħalma huma t-tul limitat tagħha, il-possibbiltà ta' revoka u s-setgħa ta' oġġezzjoni tal-Parlament u tal-Kunsill.

46 Fil-fatt, tali diffikultajiet huma irrilevanti għall-kwistjoni ta' jekk is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni fl-Artikolu 1(4)(f) tar-Regolament Nru 539/2001, kif emendat, hijiex intiża li temenda l-kontenut normattiv ta' dan l-att leġiżlattiv fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE, emenda li, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 31 ta' din is-sentenza, tista' biss titwettaq fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' setgħa ddelegata.

47 Il-motiv waħdieni invokat mill-Kummissjoni insostenn tar-rikors tagħha konsegwentement għandu jitwarrab bħala infondat.

48 Minn dan isegwi li r-rikors għandu jiġi miċħud.

**Fuq l-ispejjeż**

49 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Parlament u mill-Kunsill. Skont l-Artikolu 140(1) ta' dan ir-regolament, li jipprovdi li l-Istati Membri intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, għandu jiġi deċiż li r-Repubblika Ċeka għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.**

3) **Ir-Repubblika Ċeka għandha tbati l-ispejjeż tagħha.**

Firem